MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 139/2002/2

**George u Sandra konjugi Borg fil-kwalità taghhom ta' kuraturi *ad litem* ta' binthom minuri Carly Borg**

**v.**

**Anthony u Carmen konjugi Borg u Renzo Borg**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell li jittratta dwar: (i) id-dover li kull persuna ghandha li tassigura fi grad ragjonevoli s-sigurtà

ta' fond li jaqa' taht is-setgha taghha ghall-uzu li ghalih terzi jkunu gew mistiedna li jaghmlu jew permessi li jidhlu fl-istess fond; (ii) id-dover ta' sorveljanza tal-genituri fuq uliedhom minuri u r-responsabilità taghom ghall-ghemil ta' uliedhom minuri; u (iii) il-valur gust ta' qligh futur li ghandu jigi ffissat u l-*multiplier* li ghandu jigi adoperat meta d-danneggjat hija persuna ta' taht l-età.

2. Il-fatti li taw lok ghall-kaz odjern huma, brevement, is-segwenti:

- Fis-17 ta' Settembru 2000 George u Sandra konjugi Borg flimkien ma' binthom minuri Carly Borg u xi hbieb ohra taghhom, kienu qeghdin fir-restaurant maghruf bl-isem "Strawberry Grove" fi Triq il-Mazzola, Qawra, dak iz-zmien gestit mill-konvenuti;

- It-tifla Carly Borg, li dak iz-zmien kellha hames snin, flimkien ma' xi tfal ohra kienet qed tilghab fil-parapett ta' dan ir-restaurant;

- Il-parapett kien imdawwar b'cint zghir, gholi xi tlett piedi, u fuq hajt minnhom kien hemm hawt tal-gebel ta' xi zewg piedi tul b'xi pjanti fih. F'hin minnhom dan il-hawt waqa' fuq id il-leminija tat-tifla Carly Borg bil-konsegwenza li sofriet griehi kbar fuq it-tlett iswaba tan-nofs ta' dik l-id;
- B'konsegwenza ta' dan l-incident Carly Borg sofriet *amputation of the distal phalanx of the index finger*; *amputation of the distal phalanx of the middle and ring finger* u *functional loss in length of the fingers* b'dana li garrbet disabilita` permanenti stabbilita f'percentwali ta' 25% mill-kirurgu Mr Francis X. Darmanin fis-6 ta' Frar 2001[1];

- George u Sandra konjugi Borg isostnu li l-incident tas-17 ta' Settembru 2000 fir-restaurant "Strawberry Grove" fi Triq il-Mazzola, Qawra, li fih sfat imwegga binthom minuri Carly Borg sehh b'tort esklussiv tal-konvenuti ghaliex il-hawt in kwistjoni ma kienx

[1] Dok. "A" anness ma' l-att ta' citazzjoni.

imwahhal mal-hajt b'xi viti, *rawl bolts* jew b'mod iehor izda kien biss imqieghed fuq l-istess hajt u ghalhekk izommuhom unikament responsabbli ghad-disabilità permanenti li garrbet binthom b'konsegwenza ta' l-imsemmi incident u ghad-danni kollha rizultanti;

- Il-konvenuti jsostnu li l-hawt mhux waqa' izda gie imwaqqa' min-numru ta' tfal, fosthom l-istess Carly Borg, li fil-hin ta' l-incident kienu qeghdin jilaghbu ma' l-istess hawt;

- Huma jichdu kwalunkwe responsabilita` ghall-incident in kwistjoni u jsostnu li dana sehh minhabba traskuragni, imperizja u negligenza ta' numru ta' tfal u tal-genituri taghhom, fosthom George u Sandra konjugi Borg, li fil-hin ta' l-incident naqsu milli jezercitaw hsieb ta' missier tajjeb tal-familja billi hallew lit-tfal, fosthom lil Carly Borg, jilaghbu mal-hawt li spicca fuq id it-tifla;

- Il-konvenuti gew diversi drabi interpellati biex jersqu ghall-likwidazzjoni u konsegwenti hlas tad-danni kawzati lil Carly Borg b'konsegwenza ta' l-imsemmi incident izda, huma baqghu inadempjenti;

- Ghalhekk George u Sandra konjugi Borg, bhala kuraturi *ad litem* ta' binthom minuri Carly Borg, istitwew il-proceduri odjerni kontra l-konvenuti biex jottjenu hlas tad-danni kagonati lil binthom b'konsegwenza ta' l-incident li sehh fis-17 ta' Settembru 2000 fir-restaurant "Strawberry Grove" fi Triq il-Mazzola, Qawra.

**<u>Talbiet u Eccezzjonijiet</u>**

3. B'att ta' citazzjoni pprezentat fis-6 ta' Frar 2002 l-atturi konjugi Borg, bhala kuraturi *ad litem* ta' binthom minuri Carly Borg, talbu lill-Ewwel Qorti biex: (**i**) tiddikjara u tiddeciedi illi l-incident tas-17 ta' Settembru 2000 fir-restaurant "Strawberry Grove" fi Triq il-Mazzola, Qawra, gestit mill-konvenuti, sehh unikament minhabba traskuragni, inprudenza u negligenza da parte ta' l-istess konvenuti; (**ii**) tillikwida d-danni kollha mgarrba mill-atturi

nomine okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi; u (**iii**) tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lill-atturi nomine d-danni hekk likwidati. Bl-ispejjez u l-imghax skond il-ligi kalkolati mid-data tal-prolazzjoni tas-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

4. B'nota ta' l-eccezzjonijietipprezentata fis-26 ta' Marzu 2002 il-konvenuti eccipew illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi nomine billi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'tort taghhom izda b'tort tat-tfal, fosthom it-tifla Carly Borg, li fil-hin ta' l-incident kienu qed jilaghbu bil-hawt in kwistjoni u b'tort tal-genituri taghhom, fosthom l-atturi nomine, li naqsu milli jezercitaw id-debita sorveljanza fuq uliedhom.

**<u>Sentenza Appellata</u>**

5. B'sentenza pronuncjata fit-23 ta' Marzu 2006 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet mill-kawza billi laqghet it-talbiet attrici, iddikjarat lill-konvenuti solidalment responsabbli ghall-incident li sehh fis-17 ta' Settembru 2000, li fih weggghet il-minuri Carly Borg, u kkundannat lill-konvenuti jhallsu *in solidum* bejniethom lill-atturi s-somma ta' Lm35,328 (illum ekwivalenti ghal €82,292.10) in linea ta' danni, bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament. L-ewwel Qorti in oltre ordnat li l-imsemmija somma ta' Lm35,328 ghandha, fi zmien hmistax il-gurnata mid-data tal-hlas, tigi depozitata mill-atturi konjugi Borg f'kont fiss ma' Bank lokali f'isem il-minuri, minn fejn ma tkunx ritirabbli, hlief ghall-imghax li jkun percepibbli mill-genituri konjugi Borg, jekk mhux wara li l-minuri taghlaq it-18 il-sena jew wara ordni tal-Qorti kompetenti. Inoltre, l-atturi gew ordnati biex, fi zmien hmistax-il jum wara li jsir d-depozitu, jippresentaw nota fl-atti tal-kawza fejn jindikaw kif u meta wettqu l-obbligu impost fuqhom b'dik is-sentenza fl-interess tal-minuri.

6. Dwar l-ispejjez l-Ewwel Qorti iddecidiet li ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuti *in solidum* bejniethom.

7. L-Ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi l-incident *in kwistjoni* sehh fis-17 ta' Settembru, 2000, meta l-atturi u grupp ta' hbieb iltaqghu f'*restaurant*, maghruf bl-isem ta' *Strawberry Grove,* fi Triq il-Mazzola, Qawra, biex jaghmlu ikla tal-ahhar ghal xi hbieb komuni li kienu sejrin l-Awstralja. It-tifla tal-atturi, dak iz-zmien, kellha 5 snin. F'hin minnhom, din it-tifla, Carly Borg, flimkien ma' tfal ohra, harget tilghab fil-parapett ta' dan ir-*restaurant*. Dan il-parapett kien imdawwar b'cint zghir, gholi xi tlett piedi, u fuq hajt minnhom kien hemm xi hawt tal-gebel, ta' xi zewg piedi tul, b'xi pjanti. F'hin minnhom, il-hawt waqa' fuq id il-leminija tat-tifla, u din sofriet griehi kbar fuq t-tlett iswaba tan-nofs ta' dik l-id. Il-grupp kien diga` pogga ghall-ikel fil-hin li sehh l-incident, u t-tifla kienet, flimkien mat-tfal l-ohra, tqum u toqghod mal-mejda. L-atturi ma rawx l-incident isehh, u ndunaw x'gara meta semghu lit-tifla tghajjat bl-ugiegh. Skond l-atturi, meta wara l-incident raw il-hawt, indunaw li dan kien biss impoggi fuq ic-cint; la kien imwahhal bis-siment u lanqas b'xi *brackets*. Dan il-fatt ikkonfermah il-Pulizija li nvestiga l-incident li, fir-rapport tieghu, ikkonferma li l-*"flower pots, li bla dubju kienu hemm bhala ornament, ghalkemm kienu tqal, kien facilment li jekk xi hadd ghal xi accident jolqothom, kienu jistghu jaqghu bhal ma gara".*

"It-tfal kienu qed jilaghbu wahedhom fil-parapett, bil-genituri rispettivi johorgu kull tant hin jaghtuhom daqqa t'ghajn. Is-Surgent tal-Pulizija li nvestiga l-kaz xehed ukoll li, fil-kors tal-investigazzjoni tieghu, hu kellem lil xi *waiter* li kien hemm u dana qallu li ma kienx l-ewwel darba li l-*pot* waqghet.

"Il-konvenuti jsostnu li huma m'humiex responsabbli ghall-incident, peress li dana sehh tort tal-genituri tal-minuri li hallew it-tifla tilghab fil-parapett bla supervizzjoni; il-hawt ma waqax wahdu, izda ingibed mit-tifla jew xi hadd minn shabHa, u l-incident ma kienx isir kieku l-genituri taw kaz x'kienu qed jaghmlu t-tfal.

"Issa l-artikolu 1034 tal-Kodici Civili jiddisponi li kull min *"jiehu hsieb"* minuri, hu obbligat jaghmel tajjeb ghall-hsara

li jaghmel il-minuri. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Zerafa vs Gauci", deciza fl-14 ta' Dicembru, 1955, rigward il-kura, *"din il-kelma hi adoperata f'sens lat, cioe' kustodju attwali ndependentement jekk kienetx akkompanjata jew le bid-drittijiet u d-dover tal-patria potesta, tutela jew kuratela. Imma fil-missier hija risposta l-kura tal-minuri u mhux il-prezenza tieghu materjali li taghmlu responsabbli, izda d-direzzjoni u l-kura li skond il-ligi ghandu tat-tfal minuri; b'mod li anke jekk ihalli lit-tfal minuri taht il-kura ta' ommhom, ir-responsabilita' tieghu ma tispiccax sakemm hu jibqa' jezercita l-patria potesta"*. *Kwindi*, wiehed irid jara jekk, fic-cirkustanzi tal-kaz, il-genituri uzawx id-diligenza mistennija minnhom fil-kura tat-tifla.

"Din il-Qorti thoss li l-genituri tal-minuri Carly ma urew ebda nuqqas ta' sorveljanza jew diligenza. Huma marru jieklu f'post pubbliku li jaccetta tfal bhala klienti tieghu. Huma kellhom kull dritt jippretendu li l-post ikun *safe* kemm ghalihom kif ukoll ghat-tfal. Ma kienx obbligu taghhom li joqoghdu jiccekkjaw kull haga li hemm fir-*restaurant*, u darba kulhadd jaf li tfal m'ghandhomx kwiet ma' mejda, kellhom kull dritt jassumu li sid ir-*restaurant*, la darba fetah il-bibien tieghu ghat-tfal, kien ha hsieb jassigura li ma jkun hemm xejn ta' periklu ghat-tfal fir-*restaurant*. It-tfal ghandhom jithallew jilaghbu, u mhux mistenni li l-genituri jzommu id uliedhom anke waqt li dawn ikunu qed jilaghbu. Hu veru li hu mistenni li genituri izommu seba' ghajnejn fuq uliedhom zghar, *pero*`, iridu jzommu dik id-distanza ragjonevoli biex it-tfal ma jhossux ruhhom *"msakkra"*. L-incident *in kwistjoni* ma sarx ghax il-genituri ma kellhomx ghajnejhom il-hin kollu fuq binthom, izda ghax, waqt il-loghob, it-tfal laqtu l-hawt li sfortunatament waqa' fuq id Carly.

"Kif jghid il-Baudry (Obbligaz. Vol. IV, para. 2899):- *"La responsabilita' si estende, in modo generale, a tutti quegli atti dei figli minori che la sorveglianza dei genitori avrebbe potuto prevenire. Cosi' essa sorge in conseguenza di disgrazie cagionate da giuochi pericolosi tra fanciulli della medesima eta' senza la sorveglianza dei genitori"*.

"Anke kieku l-ġenituri kienu huma stess fuq il-parapett jaraw it-tfal jilagħbu, l-inċident kien xorta waħda jseħħ, għax ma kienx ikollhom ċans iżommu l-ħawt waqt li din kienet qed taqa' fuq id il-minuri.  It-tfal għandhom jingħataw l-ispazju tagħhom, u l-proprjetarju tar-*restaurant* li għandu parapett u jikkejterja għat-tfal, kellu jissoponi li tfal malajr jiddejqu madwar mejda tal-ikel, u wara ftit jinżlu minn mal-mejda u jibdew iħufu mal-post.  Il-proprjetarju kellu kull dritt iżomm dan milli jseħħ, u jinsisti mal-ġenituri li t-tfal kellhom jibqgħu mal-mejda, iżda dan m'għamlux. Mhux hekk biss, iżda la darba ippermetta li t-tfal jilagħbu fuq il-*premises* tiegħu, hu taċitament akkonsentixxa għal dan.  Il-proprjetarju tar-*restaurant* ippermetta u ħalla tfal jilagħbu fil-*premises*, u allura kellu jara li kollox kien *safe* għat-tfal.  Il-ġenituri, min naħa tagħhom, żammew lit-tfal taħt għajnejhom, iżda ma kellhomx għalfejn joqgħodu fuqhom b'mod eżaġerat, kif donnhom qed jippretendu l-konvenuti.  La darba t-tfal iddaħħlu f'post fejn il-proprjetarju kien qed jippermetti l-logħob, huma setgħu *"jafdaw"* fuq il-proprjetarju li dan jieħu ħsieb jassigura li t-tfal ma jweġġgħux.

"F'dan il-każ, għandu japplika fil-konfront tal-konvenuti l-artikolu 1041 tal-Kodiċi Ċivili li jittratta fuq ir-responsabilita' ta' sid ta' bini f'każ li dan jiġġarraf u jikkaġuna ħsara lill-terzi.  Dan l-artikolu ma jirriferiex biss għall-każ li l-bini kollu jiġġarraf, imma anke jekk parti minnu taqa'.  Fil-kawża "Attard vs Farrugia", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Lulju, 1988, dik l-Onorabbli Qorti abbraċċjat dak li qal l-awtur Ingliż Charlesworth fit-test *"The Law of Negligence"*, it-tieni edizzjoni *page* 155 sa 156, li enunċja s-segwenti prinċipju:

*"The obligation to maintain premises adjoining the highway so that they are not dangerous to persons using the highway extends to fences and boundary walls adjoining the highway.  If a person, in the ordinary and reasonable use of the highway, leans upon or otherwise comes in contact with the fence or wall so that it gives way and he is injured, he can recover from the occupier of the premises"*.

*"Inoltre* l-gurista taljan Ricci, *"Diritto Civile"* (*pagna* 142), jghid li dan il-principju ma japplikax biss ghall-kaz ta' bini: *"se un albero del mio fondo, cadendo, percuota un individuo, ferendolo od uccidendolo, e la caduta sia ascrivibile a mia colpa, io sono, senza dubbio, tenuto a risarcire il danno"*.

"Fil-kawza "Attard vs Farrugia", aktar qabel kwotata, l-Onorabbli Qorti tal-Appell sahqet fuq il-htiega li jkun hemm *"ordinary and reasonable use of the highway"*, u fil-fatt, f'dik il-kawza, dik l-Onorabbli Qorti ma sabet ebda responsabilit`' tal-proprjetarju meta minuri telghet fuq rixtellu ta' lukanda biex tuzah bhala bandla, izda l-istess rixtellu inqala' minn postu u waqa' fuq il-minuri; l-uzu ta' rixtellu bhala bandla, qalet dik l-Onorabbli Qorti, mhux *"ordinary and reasonable use"*.

"F'din il-kawza, il-proprjetarju ppermetta u akkonsentixxa ghall-uzu tal-parapett bhala *play area*; b'hekk, dak l-uzu sar uzu permess, u la darba, b'dak l-uzu kien prevedibbli li xi tfal jolqtu l-hawt u dan jaqa', dak li sehh huwa rizultat ta' uzu permess, u *kwindi* hemm ir-responsabilita' tal-proprjetarju.

"Fil-kawza "Camilleri vs Camilleri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-6 ta' Mejju, 2005, it-tifla, li weggghet meta knaten minn hajt waqghu fuqha, instabet responsabbli fi grad ta' zewg terzi peress li wiehed m'ghandux jilghab billi jitla' mal-hitan; sid il-hajt instab responsabbli fi grad ta' terz peress li rrizulta li l-hajt ma kienx fi stat ghal kollox sod u integru. F'din il-kawza, *pero*`, kif gia intwera, ma kienx hemm uzu anormali tal-parapett; it-tfal ma kienux qed jilaghbu bil-hawt, izda kienu qed jilaghbu fil-parapett bil-permess, *ancorche e tacitu*, tal-proprjetarju. Darba li l-*area in kwistjoni* ghamilha disponibbli ghal-loghob tat-tfal, kellu jara li f'dik l-*area* m'hemm xejn ta' periklu. (ara, bhala rifless fuq dan il-punt, il-kawza "Fenech vs Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug et", deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Ottubru, 2004). F'dan il-kaz jirrizulta, anke mir-rapport tal-Pulizija, li l-hawt kien biss impoggi fuq ic-cint, ma kienx imwahhal u seta' *"facilment"* jaqa'. Jidher ukoll li din mhux l-ewwel darba li

waqghet, izda ma ttiehdux passi biex dak il-hawt jitwahhal mac-cint. Li waqa' l-hawt mhux rizultat ta' accident, imma tort tal-proprjetarju li naqas li jiehu hsieb li l-hawt jitwahhal b'mod sigur. Darba kien hekk, kien facli li din tintlaqat u taqa', specjalment waqt loghob minn tfal li thalla mill-proprjetarju jsir fil-vicinanzi tal-istess hawt.

"*Kwindi*, din il-Qorti tikkonkludi, li ghall-incident u l-konsegwenzjali dannu jahtu l-konvenuti *in solidum* bejniethom (art: 1050 Kodici Civili).

"Dwar il-*quantum* tad-danni, jirrizulta li t-tifla kellha hames snin meta sehh l-incident u sofriet dizabilita' ta' 16%, u dana skond kif irrelata l-perit mediku mahtur mill-Qorti. Ghalkemm il-vittma hija minuri, hu xorta wahda permess l-uzu tal-*multiplier method* fil-kalkolu tal-kumpens, b'dan li l-hajja lavorattiva ghandha tigi kkalkolata mill-eta' ta' 16-il sena, eta' li fiha persuna f'Malta tista' tibda tahdem (ara "Gatt vs Barbara", deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Gunju, 1977). "Fil-kalkolu tal-*multiplier*, wiehed ma jridx jimxi fuq il-hajja lavorattiva kollha mistenija, izda irid jiehu kont tac-*chances and changes of life* (ara "Caruana vs Camilleri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004). Mehud kont tal-kontingenzi tal-hajja futura, il-Qorti sejra tadotta *multiplier* ta' 40. Il-Qorti hadet *in konsiderazzjoni* wkoll li l-eta' ta' irtirar mill-impieg hi mistenija li tizdied fi zmien qarib.

"Dwar id-dhul tal-vittma, din hija zghira wisq biex taghti x'tifhem x'tip ta' xoghol se taghmel u jekk hijiex sejra issib impieg jew tfittex karriera. Il-vittma tista' tghazel li ma tahdimx u toqghod id-dar, *pero'*, anke f'dan il-kaz, gie deciz li mara tad-dar ghandha dritt ghall-kumpens *lucrum cessans* (ara "Borg vs Zammit", deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Marzu, 1999, u "Farrugia vs Mamo", deciza wkoll minn din il-Qorti fil-11 ta' Ottubru, 2002, fost ohrajn). Meta qieset ic-cirkostanzi tal-hajja u l-*multiplier* pjuttost twil li sejra taddotta din il-Qorti, jidher li dhul annwali ta' Lm6,000 ghandu jkun gustifikat. Minn din is-somma m'ghandu jsir ebda tnaqqis, la minhabba t-taxxa fuq id-dhul (ara "Muscat vs Schembri", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 1972), u lanqas minhabba l-

kontribuzzjonijiet tas-sigurta' nazzjonali (ara "Caruana vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru, 1983, u "Pace vs Abela", deciza wkoll minn din il-Qorti fil-21 ta' Mejju, 1993).

*"Kwindi* l-kumpens dovut ghandu jigi kkalkolat hekk:

Lm6,000 x 40 x 16% = Lm38,400.

"Peress li l-hlas sejjer issir f'daqqa, ghandu jsir tnaqqis minhabba dak l-imsejjah *lump sum payment*. Peress li l-incident sehh madwar 6 snin ilu, dan it-tnaqqis m'ghandux ikun ta' aktar minn 8%. *Kwindi* l-kumpens dovut huwa ta' Lm35,328."

**Appell**

8. Minn din is-sentenza appellaw il-konvenuti, u cioe` il-konjugi Anthony u Carmen Borg, u Renzo Borg. L-aggravji taghhom jistghu jigu sintetizzati hekk: (i) il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li ghall-incident in kwistjoni kienu huma responsabbli hija zbaljata ghaliex ibbazata fuq il-premessi zbaljati li *"it-tfal ma kienux qed jilaghbu bil-hawt"* u li *"it-tfal laqtu l-hawt li sfortunatament waqa' fuq id Carly"*; (ii) bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju ta' l-appell, jekk huma kellhom xi htija ghall-incident in kwistjoni, il-htija ma kinitx biss taghhom ghaliex l-agir tat-tfal li gibdu l-hawt ghal isfel fuq id Carly Borg u n-nuqqas ta' supervizjoni da parti ta' l-atturi u l-genituri l-ohra tat-tfal certament jitfghu ukoll parti mir-responsabilita` fuq l-imsemmija tfal u genituri; u (iii) minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg aggravji, l-ammont ta' danni likwidat mill-ewwel Qorti huwa ezagerat u ghandu jigi ridott. Bir-rikors ta' appell taghhom il-konvenuti qed jitolbu li din il-Qorti *"tirrevoka s-sentenza appellata tat-23 ta' Marzu 2006 fl-ismijiet fuq premessi billi tiddikjara illi l-esponenti mhumiex responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi nomine u ghalhekk tichad it-talbiet attrici; alternattivament, f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi l-konvenuti huma responsabbli biss in parte ghall-incident mertu ta' din il-kawza u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi nomine, tirriforma*

*s-sentenza fuq riferita billi tiffissa l-kwota li ghaliha huma responsabbli l-esponenti u konsegwentement tiddeciedi u tordna dik il-kwota in linea ta' danni li talvolta ghandha tigi sopportata mill-esponenti; u f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi illi l-esponenti huma responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi nomine, unikament jew in parte, tirriforma s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fir-rigward tal-kap tal-likwidazzjoni tad-danni u tillikwida l-istess danni f'ammont inferjuri ghar-ragunijiet imfissra f'dan l-appell u kif jirrizultalha ragjonevolment fid-diskrezzjoni taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi nomine."*

9. Fir-risposta taghhom tat-12 ta' Settembru 2006, l-atturi nomine jissottomettu li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u li *"l-appell presentat mill-konvenuti appellanti jikkonsisti fi spekulazzjoni fuq elementi li konsidrati wahidhom jista' jkollhom portata legali imma li jitilfu kull sinifikat meta jigu kkunsidrati fil-kuntest kollu li fihom ikunu gew sollevati – kuntest li konvenjentement jigi eskluz. Dan bir-rispett kollu mhux utili ghar-ricerka tal-verita`, li huwa l-ghan ahhari ta' kull procedura gudizzjarja. Ghall-kuntrarju jimminah."* [2]

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Bl-appell taghhom mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti l-konvenuti appellanti *inter alia* jikkontestaw id-decizjoni ta' dik il-Qorti li huma ghandhom jitqiesu bhala unikament responsabbli ghall-incident li sehh fis-17 ta' Settembru 2000 fir-restaurant maghruf bl-isem "Strawberry Grove" fi Triq il-Mazzola, Qawra, u li fih weggghet it-tifla Carly Borg. Il-konvenuti appellanti jikkontendu li minn dak li rrizulta mill-provi prodotti mill-partijiet kontendenti, l-ewwel Qorti qatt ma setghet tasal ghall-konkluzjoni li huma kienu unikament u esklussivament responsabbli ghall-incident meritu tal-kontestazzjoni.

[2] L-ewwel paragrafu tar-risposta ta' l-appell ta' l-atturi nomine.

11. Fil-fehma taghhom, fid-dawl tal-provi prodotti l-konkluzjoni li kellha tasal ghaliha l-ewwel Qorti kellha tkun illi l-konvenuti appellanti bl-ebda mod ma kienu responsabbli ghall-incident meritu tal-kontestazzjoni ghaliex dana sehh minhabba l-agir tat-tfal, fosthom l-istess Carly Borg, li dakinhar ta' l-incident waqt li kienu qed jilaghbu fil-parapett tar-restaurant bdew jilaghbu mal-hawt in kwistjoni u f'hin minnhom waqqghuh bil-konsegwenza sfortunata li gie fuq id it-tifla Carly Borg **u** minhabba l-fatt li waqt li dawn it-tfal kienu qed jilaghbu fil-parapett tar-restaurant ma kienux debitament sorveljati mill-genituri taghhom, fosthom l-atturi appellati George u Sandra konjugi Borg. Alternattivament jikkontendu illi jekk kellha tinstab xi responsabilita` da parti taghhom ghall-incident in kwistjoni, certament ma ghandhomx ikunu tenuti unikament u esklussivament responsabbli ghall-istess ghaliex l-agir tat-tfal, fosthom it-tifla Carly Borg, u n-nuqqas tad-debita sorveljanza da parti tal-genituri taghhom, fosthom l-atturi appellati, zgur illi jixhtu parti mir-responsabilita` fuq it-tifla u genituri ukoll.

12. Il-konvenuti appellanti jattakkaw il-konstazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti li *"t-tfal ma kienux qed jilaghbu bil-hawt"* u li *"t-tfal laqtu l-hawt li sfortunatament waqa' fuq id Carly"*[3] u jikkontendu li l-ewwel Qorti kienet ghal kollox zbaljata fil-konsiderazzjonijiet taghha ghaliex skond huma *"mill-atti jirrizulta proprju l-kuntrarju. Jirrizulta mill-provi li l-hawt ma waqax wahdu, jew semplicement ghax it-tfal laqtuh waqt li kienu qed jilaghbu fil-parapett izda jirrizulta kjarament mill-provi prodotti <u>mill-atturi stess</u> illi t-tfal li kien hemm fil-parapett **<u>kienu qed jilaghbu bil-hawt stess</u>** li kkawza l-incident u li l-hawt in kwistjoni **<u>ingibed</u>** mit-tfal li kienu fil-parapett. Ghalhekk l-incident in kwistjoni **<u>sehh biss</u>** bhala konsegwenza ta' din l-azzjoni da parti tan-numru konsiderevoli tat-tfal li kien hemm fil-parapett fil-mument ta' l-incident."*[4]

13. Il-konvenuti appellanti jghidu li huma ma kellhom ebda obbligu li jwahhlu l-hawt (li skond huma kien ta' certa kobor u toqol u b'hekk mhux facli li jaqa' meta jintlaqat)

[3] Pagna 3 tar-rikors ta' l-appell.
[4] *Ibid.*

mac-cint bic-siment, kif pretiz mill-atturi appellati nomine. Il-hawt ma kien jirrapprezenta ebda perikolu ghan-nies li jiffrekwentaw ir-restaurant gestit minnhom u *"l-possibilitajiet li jsehh incident bl-mod li fih sehh kienu remotissimi w inverosimili. Il-periklu kien talment remot u improbabbli, illi l-konvenuti ma kienux legalment, cioe` ragjonevolment, mistennija li jippreveduh u ghalhekk ma jistghux ghal dan il-fini ta' responsabilita` civili jitqiesu li kienu in kolpa."* [5] L-incident sehh ghaliex it-tfla ma kienux qed jaghmlu *an ordinary and reasonable use* minn dak il-hawt.

14. Din il-Qorti, wara li qieset bir-reqqa s-sottomissjonijiet tal-konvenuti appellanti u l-provi prodotti mill-partijiet kontendenti quddiem l-ewwel Qorti, ma tistax taqbel ma' dak pretiz mill-istess konvenuti appellanti dwar id-dover u obbligu taghhom li jirrendu u jzommu r-restaurant minnhom gestit *a safe environment* ghan-nies, inkluzi tfal, li jiffrekwentawh.

15. Kontra dak pretiz mill-konvenuti appellanti dan id-dover u obbligu jinkombi fuqhom indipendentement mill-fatt jekk it-tfal kienux o meno qed jilaghbu bil-hawt in kwistjoni u kienux o meno debitament sorveljati mill-genituri taghhom – ghalkemm dawn il-fatturi jistghu jimpingu fuq ir-responsabilita` tat-tfal u tal-genituri taghhom ghall-konsegwenzi ta' l-agir ta' l-istess tfal.

16. Huwa principju ormai ferm assodat fis-sistema guridika taghna li r-responsabilita` f'kaz ta' incident, ta' liema xorta jkun, u konsegwentement ir-responsabilita` ghad-danni rizultanti minn dak l-incident hija meqjusa skond il-kriterju ta' dak li huwa mistenni mill-*bonus pater familias*. L-**Artikolu 1032** tal-Kodici Civili jipprovdi li *jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja*.

*"Negligence is the omission to do something which a reasonable man, guided upon those considerations which ordinarily regulate the conduct of human affair, would do,*

[5] Pagna 9 tar-Rikors ta' l-Appell.

*or doing something which a prudent and reasonable man would not do."*[6].

17. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li fl-ezami rikjest fil-kaz odjern, u cioè biex jigi determinat jekk kienx hemm responsabilità jew le da parte tal-konvenuti appellanti ghall-incident meritu tal-kontestazzjoni, ghandu jipprevali l-principju enuncjat fil-precitat **Artikolu 1032** tal-Kodici Civili.

18. Kellhom il-konvenuti appellanti *qua* gesturi tar-restaurant "Strawberry Grove" id-dover bhala *boni patres familias* li jaraw li r-restaurant ikun *safe* ghan-nies, inkluzi tfal, li jiffrekwentawh?

*19.* F'dan it-tip ta' kazijiet *the common duty to take care* li taqa' fuq il-konvenuti appellanti *qua* gesturi tar-restaurant in kwistjoni hija *"a duty to take such care as is reasonable to see that the visitor will be reasonably safe in using the premises for the purposes for which he is invited or permitted to be there. The question whether the occupier* (il-konvenuti appellanti f'dan il-kaz) *has fulfilled his duty to the visitor is thus dependent upon the facts of the case. The relevant circumstances include the degree of care and of want of care that may be looked for in the particular visitor."* [7]

20. Kif sewwa osservat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata galadarba r-restaurant gestit mill-konvenuti appellanti huwa post pubbliku li fih mhux biss jigu accettati t-tfal izda huwa permess li t-tfal jilaghbu fl-ambjenti tieghu, l-istess konvenuti appellanti kellhom <u>id-dover u l-obbligu</u> li jassiguraw illi r-restaurant u l-ambjenti tieghu, senjatament il-parapett, ikunu *safe* ghat-tfal u li ma jkun hemm xejn li jista' jkun ta' periklu ghalihom. Huwa risaput li t-tfal ma ghandhomx kwiet u l-kurzita` taghhom hija infinita, u jaqbdu jilaghbu b'kull ma jsibu quddiemhom, hafna drabi

---

[6] Windfield & Jolowicz On Tort – estratt citat mis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Samuel Zarb v. Michael Vella et** Appell Civili Nru. 1350/97 deciza fl-1 ta' Lulju 2005.

[7] Windfield & Jolowicz on Tort pagna 299 – estratt citat mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Samuel Zarb v. Michael Vella et** Citaz. Nru. 1350/97 deciza in Prim' Istanza fit-28 ta' Gunju 2002.

minghajr ma jaghtu kaz tal-periklu li dak l-oggett li jkunu qed jilaghbu bih jista' jkun ghalihom. Meta imbaghad hafna tfal jiltaqghu bejniethom ikunu ferm iktar vivaci u facilment jithajru wiehed mill-iehor fl-attitudinijiet u agir taghhom.

21. Galadarba fir-restaurant gestit mill-konvenuti appellanti kien permess li tfal jilaghbu fil-parapett, dakinhar ta' l-incident it-tfal, inkluz Carly Borg, ma kienu qed jaghmlu xejn hazin billi kienu qed jilaghbu hemm barra; anzi, kif inghad, kien id-dover u obbligu tal-konvenuti appellanti li jaccertaw ruhhom li jzommu dak l-ambjent hieles mill-perikoli ghat-tfal.

22. Fil-fehma ta' din il-Qorti kien prevedibbli li jekk hemm hwat bil-pjanti fuq ic-cnut tal-parapett dawn zgur ser jattiraw il-kurzita` tat-tfal u ser ikunu l-oggett, anke jekk b'mod indirett, tal-loghob taghhom, u ma tridx wisq biex tobsor li jekk ser ikun hemm hafna tfal jilaghbu b'dann il-hwat, jew imqar madwarhom, dawn jistghu jinqalbu bil-konsegwenza li jwegga' xi hadd, kif fil-fatt gara fis-17 ta' Settembru 2000.

23. B'hekk, indipendentement mill-fatt jekk dakinhar ta' l-incident t-tfal, inkluza Carly Borg, kienux o meno qed jilaghbu bil-hawt li waqa', il-konvenuti appellanti kellhom id-dover u l-obbligu li jizguraw li l-hwat fuq ic-cnut tal-parapett ikunu tali li ma jkunux ta' periklu ghat-tfal li jithallew jilaghbu fil-parapett tar-restaurant.

24. Huwa veru li parapett ta' restaurant ma huwiex *playground* izda, fil-mument li tfal jithallew jilaghbu hemm dak isir il-*"playground"* jew *"play area"* taghhom ghal dak il-hin; u ghalhekk min hu responsabbli ghal dak il-parapett irid jaccerta ruhu li f'dak l-arja ma hemmx periklu ghat-tfal.

25. Il-hawt in kwistjoni ma kienx daqstant kbir u tqil daqskemm ipinguh il-konvenuti appellanti ghaliex wara kollox, kif isostnu l-istess konvenuti appellanti, grupp ta' tfal zghar irnexxielhom jaqilbuh minn fuq ic-cint u spicca biex wegga' lil wahda minnhom – lil Carly Borg. B'hekk il-periklu mahluq minn dan il-hawt ma kienx tant remot u

imprevedibbli li jezonera lill-konvenuti appellanti mill-obbligu u dover taghhom li jassiguraw li dan l-istess hawt ikun imqieghed jew marbut b'tali mod li ma jkun ta' periklu ghal hadd.

26. Ghalhekk fil-kaz in ezami l-konvenuti appellanti naqsu mid-dover u obbligu fondamentali taghhom *to see that the visitor will be reasonably safe in using the premises for the purposes for which he is invited or permitted to be there* u ghalhekk ma jistghux jippretendu li jigu ezonerati minn kull responsabilita` ghall-incident li sehh fis-17 ta' Settembru 2000.

27. Madanakollu din il-Qorti ma taqbilx ma' l-Ewwel Qorti li ghall-incident in kontestazzjoni huma unikament u esklussivament responsabbli l-konvenuti appellanti.

28. Ghalkemm bhala regola generali din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni ma tindahalx fl-apprezzament tal-provi kif maghmul mill-Qorti ta' prim istanza, f'dan il-kaz il-konstatazzjonijiet ta' l-ewwel qorti li t-tfal ma kienux qed jilaghbu bil-hawt li waqa' fuq id Carly Borg u li kienu debitament sorveljati mill-genituri taghhom, inkluzi l-atturi appellati, ma jistghux jigu kondivizi minn din il-Qorti.

29. Kif sewwa sottomess mill-konvenuti appellanti fir-rikors ta' l-appell taghhom, mill-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti, partikolarment mill-provi mressqa mill-atturi appellati nomine, jirrizulta li qabel ma sehh l-incident it-tfal **kienu qed jilaghbu** bil-hawt li waqa' fuq id Carly Borg. Dana johrog ferm car mix-xhieda ta' missier u omm l-istess tifla. L-attur appellat George Borg iddikjara li *"Dakinhar ta' l-incident fis-17 ta' Settembru 2000, jiena, il-mara u grupp ta' hbieb ohra konna fl-Istrawberry Grove Restaurant fi Triq il-Mazzola, Qawra. Konna ltqajna hemmhekk biex naghmlu ikla, peress li kellna hbieb taghna kienu sejrin l-Awstralja. It-tifla tieghi Karly, li dak iz-zmien kellha hames snin, kienet qed tilghab fil-parapett ta' dan ir-restaurant flimkien ma' tfal ohra.* ***Fuq dan il-parapett kien hemm hawt tal-gebel li ma kienx marbut bl-ebda mod, u t-tfal kienu qed jilaghbu bih****. F'hin*

*minnhom dan il-hawt waqa' fuq idejn it-tifla tieghi Karly."* [8] (enfazi ta' din il-Qorti). In kontro-ezami l-attur appellat ikkonferma li *"l-incident gara meta l-hawt tgerbeb minn fuq ic-cint, waqa' u gie fuq idejha l-leminija.* ***Waqa' meta kienu qed jilaghbu bih it-tfal****."*[9] (enfazi ta' din il-Qorti).

30. Dak dikjarat mill-attur appellat gie ikkonfermat mill-mara tieghu (ara fol. 27 tal-process). Ghalkemm huwa minnu li l-attur appellat l-incident ma rahx isehh, huwa indiskuss illi li kieku ma kienx cert mill-fatt li t-tfal kienu qed jilaghbu bil-hawt in kwistjoni ezatt qabel ma sehh l-incident, ma kienx jiddikjara darba darbtejn fix-xhieda tieghu illi l-hawt waqa' fuq id bintu meta t-tfal kienu qed jilaghbu bl-istess hawt. B'hekk huwa ghal kollox inutili li fir-risposta taghhom l-appellati nomine jippruvaw iduru ma' dan il-fatt bil-kontestazzjoni li l-attur appellat ma kienx cert minn fejn originat l-informazzjoni kwotata aktar 'il fuq, ghalkemm implika li kienu dawn it-tfal li ghaddew dan it-taghrif, tfal ilkoll ta' eta` verament tenera. Dan l-allegat dubju ta' l-attur appellat dwar kif ezatt sehh l-incident ma jirrizulta minn imkien mill-atti processwali u lanqas jirrizulta li f'xi hin implika li l-informazzjoni setghet ma kenitx ezatta ghaliex dan it-taghrif gie minn tfal ta' *eta' verament tenera.*

31. Apparti l-fatt li t-tfal kienu qed jilaghbu bil-hawt qabel ma waqa' fuq id Carly Borg, mill-provi prodotti ampjament jirrizulta wkoll li t-tifla ma kenitx debitament sorveljata mill-genituri taghha, l-atturi appellati. Aktar milli jaraw huma x'inhi taghmel binthom, kienet it-tifla li tidhol minn hin ghall-iehor hdejn il-genituri taghha. L-attur appellat xehed illi *"ovvjament peress li ahna konna bilqeghda fuq l-ikel, ma kellix ghajnejja il-hin kollu fuq it-tifla. Pero` t-tifla hija wahda li tobdi u kienet il-hin kollu gejja u sejra hdejna u terga' tohrog fuq il-parapett."* [10]

32. Ma huwiex tant kredibbli l-fatt li minn hin ghall-iehor xi hadd mill-atturi appellati kien johrog jittawwal halli jara

---

[8] Xhieda ta' l-attur appellat George Borg waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2003 – fol. 24 tal-process.
[9] Fol. 25 tal-process.
[10] Xhieda ta' l-attur appellat George Borg waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2003 – fol. 25 tal-process.

x'inhi taghmel it-tifla ghaliex kif iddikjara l-attur appellat stess *"lanqas biss kont naf li kien hemm il-hawt hemm barra, ghax kieku ma kontx inhalli t-tifla hemm."* [11] Kieku l-atturi appellati, jew imqar wiehed minnhom, kienu iktar diligenti fis-sorveljanza taghhom fuq it-tifla il-probabbilita` hi li l-incident seta' jigi evitat. Fuq kollox l-attur appellat stess iddikjara illi li kieku ra lil bintu tilghab mat-tfal l-ohra bil-hawt huwa ma kienx ihalliha tkompli tilghab.

33. Dwar ir-responsabilità ta' min jiehu hsieb ta' minuri l-**Artikolu 1034** tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li kull min jiehu hsieb ta' wiehed minuri hu obbligat ghall-hsara li jaghmel il-minuri meta huwa ma jkunx ha l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix. Ir-responsabilita` ta' min jiehu hsieb ta' minuri hija dik civili indiretta *"che ha il suo fondamento nella 'culpa in vigilando' di coloro che hanno la cura del minore."* [12]

34. Kif inghad fis-sentenzi fl-ismijiet **Nicola Magro v. Geraldo Zammit pro et noe**[13] u **Joseph Zammit v. Joseph Cutajar et**[14], it-tnejn citati mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Jerome Pace v. Paul Muscat pro et noe, Citaz. Nru. 119/91** deciza fis-16 ta' Gunju 2003: *"il-missier allura ghandu kontra tieghu l-presunzjoni legali li hu responsabbli ghad-danni kagjonati minn ibnu minuri, sakemm huwa ma jipprovax sodisfacentement illi, bhala missier tajjeb tal-familja, huwa ha hsieb ibnu biex il-fatt dannuz ma jigix kommess"* u "*din il-prova trid tkun sufficjenti, u tali li twaqqa' l-presunzjoni legali, b'mod li mhux bizzejjed li missier jipprova li, meta ibnu minuri ghamel il-kaz, u kkaguna d-dannu, hu kien okkupat fuq ix-xoghol."*

35. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-elementi rikjesti mil-ligi biex l-atturi appellati wkoll jinstabu responsabbli ghall-incident meritu tal-kontestazzjoni minhabba li ttraskuraw id-dover taghhom ta' sorveljanza fuq binthom Carly Borg

---

[11] *Ibid.*
[12] **William James Davies v. John Mc Hallam**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' April 1925 citata fis-sentenza **Jerome Pace v. Paul Muscat pro et noe**, **Citaz. Nru. 119/91** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Gunju 2003.
[13] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' April 1960.
[14] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Jannar 1956.

ampjament jirrizultaw mill-atti processwali. Is-semplici fatt li t-tifla Carly Borg hija – jew, ghall-anqas dak iz-zmien kienet – tifla li tobdi bl-ebda mod ma jezonera lill-genituri taghha mill-obbligu taghhom tad-debita sorveljanza fuqha, u ghalhekk huma wkoll iridu jirrispondu ghan-nuqqas taghhom.

36. In bazi ghall-principju guridiku li biex persuna tinstab responsabbli ghad-danni mhux necessarju li l-agir taghha jkun l-unika kawza tad-danni reklamat ghaliex anke jekk, b’xi mod, ikkontribwiet bin-negligenza taghha ghall-hsara, ma tistax tahrab mir-responsabilita[15], din il-Qorti ssib kemm lill-konvenuti appellanti kif ukoll lill-atturi appellati responsabbli ghall-incident li sehh fir-restaurant “Strawberry Grove” fis-17 ta’ Settembru 2000, li fih weggghet it-tifla minuri Carly Borg.

37. Izda, din il-Qorti iktar issib x’ticcensura fin-nuqqas tal-konvenuti appellanti li jirrendu l-ambjenti tar-restaurant minnhom gestit, partikolarment il-parapett, *safe* ghat-tfal li dakinhar ta’ l-incident thallew jilaghbu fl-imsemmi parapett, u ghalhekk issib lill-istess konvenuti appellanti responsabbli ghall-incident meritu tal-kontestazzjoni fi kwota ta’ tmenin fil-mija (80%) filwaqt, li ssib lill-atturi appellati responsabbli ghall-istess imsemmi incident minhabba n-nuqqas ta’ debita sorveljanza fuq binthom minuri, fi kwota ta’ ghoxrin fil-mija (20%).

38. Ikkunsidrati, mela, iz-zewg aggravji tal-konvenuti appellanti dwar ir-responabilita` ghall-incident meritu tal-kontestazzjoni, din il-Qorti ser tghaddi issa biex tikkunsidra t-tielet aggravju fuq liema l-konvenuti appellanti jibbazaw l-appell taghhom mis-sentenza appellata u cioè, l-aggravju dwar l-ammont ta’ danni likwidat mill-ewwel Qorti li fil-fehma tal-konvenuti appellanti huwa ezagerat u ghandu jigi ridott minn din il-Qorti.

39. Dwar il-*multiplier* fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti kkunsidrat illi *“ghalkemm il-vittma hija minuri, hu*

[15] **Carmelo Zarb v. Joseph Mizzi**, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta’ Mejju 1950. Kollezzjoni ta’ Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta’ Malta – Vol. XXXIV – ii – 581.

*xorta wahda permess l-uzu tal-multiplier method fil-kalkolu tal-kumpens, b'dan li l-hajja lavorattiva ghandha tigi kkalkolata mill-età ta' 16-il sena, età li fiha persuna f'Malta tista' tibda tahdem (ara "Gatt vs Barbara", deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Gunju, 1977). Fil-kalkolu tal-multiplier, wiehed ma jridx jimxi fuq il-hajja lavorattiva kollha mistennija, izda irid jiehu kont tac-chances and changes of life (ara "Caruana vs Camilleri", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Frar, 2004). Mehud kont tal-kontingenzi tal-hajja futura, il-Qorti sejra tadotta multiplier ta' 40. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll li l-età ta' irtirar mill-impieg hi mistennija li tizdied fi zmien qarib."*

40. Il-konvenuti appellanti jikkontestaw id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li fil-kaz odjern ghandu jigi adottat *multiplier* ta' 40 ghaliex skond huma huwa gholi wisq.

41. In sostenn tal-kontestazzjoni taghhom il-konvenuti appellanti jaghmlu referenza ghas-sentenza **Turner et v. Agius** deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Novembru 2003 u jikkontendu li *"l-vittma ta' l-incident in kwistjoni* [ossia fil-kawza minnhom citata] *kellha biss sbatax-il sena meta mietet, din l-Onorabbli Qorti ddecidiet li l-multiplier kellu jinhadem fuq medda ta' hajja lavorattiva ta' tletin (30) sena. Issa galadarba l-minuri Carly Borg ma tistax tibda tahdem qabel ma taghlaq is-sittax il-sena hija l-fehma umli ta' l-esponenti li l-multiplier ma ghandux ikun iktar minn wiehed u tletin (31) sena u ghalhekk multiplier ta' erbghin sena (40) huwa eccessiv."*

42. Din il-Qorti tosserva li l-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati in materia ta' danni rizultanti minn incidenti rat zvilupp sostanzjali matul is-snin. Il-metodu tal-*multiplier* gie applikat ghall-ewwel darba f'azzjoni ghad-danni fis-sentenza **Butler v. Heard** deciza fit-22 ta' Dicembru 1967. F'dik is-sentenza l-Qorti introduciet numru ta' principji fil-komputazzjoni tal-kumpens intizi biex igibu regolarita` u uniformita` f'materja ta' danni simili.

43. Matul is-snin ir-regoli enuncjati fl-imsemmija sentenza **Butler v. Heard** gew applikati mill-Qrati taghna izda maz-zmien gew introdotti u adottati certi principji ohra

li, ghalkemm kienu jinkwadraw fil-kuncett generali espost fl-imsemmija sentenza, dejjem irrikonoxxew il-poter diskrezzjonali tal-Qorti fil-kwantifikazzjoni tad-danni dovuti.

*44.* Fis-sentenza **Paul Bottone et v. Rita Saliba, Citaz. Nru. 2307/99** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Jannar 2003 inghad illi *"jidher car li a bazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija f'latitudini wiesa' imhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostazni kollha tal-kaz, u ghalkemm certu principji ghadhom jezistu, u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni ta' l-istess, dawn certament ma humiex assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta r-rizultat ta' l-applikazzjoni taghhom ma jwassalx ghall-kumpens reali u adegwat."*

45. Din il-Qorti wara li ezaminat ir-ragunament in bazi ghal liema l-ewwel Qorti adottat *multiplier* ta' 40 sena ghall-fini tal-komputazzjoni tat-telf futur tal-minuri Carly Borg b'konsegwenza ta' l-incident meritu tal-kontestazzjoni, hija tal-fehma li l-*multiplier* adottat minn dik il-Qorti huwa gust u bl-ebda mod ma huwa ezagerat. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, hawn Malta l-hajja lavorattiva ta' persuna tista' tibda' ta' 16 il-sena u fil-prezent l-età ta' l-irtirar ghan-nisa hija iffssata fl-età ta' 60 sena, età li mistennija tizdied fi zmien qarib. Jekk mill-firxa ta' sittin sena, l-eta` pensjonabbli attwali ghan-nisa, jitnaqqsu sittax-il sena, cioe` l-eta` meta persuna hawn Malta tista' tibda tahdem, jibqa' erbgha u erbghin (44) sena li matulhom persuna tista' tippercepixxi introjtu. Din il-firxa ta' snin tista' biss titwal jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni iz-zieda fl-eta` ta' l-irtirar mistennija li tidhol fis-sehh fi zmien qarib. Ghalhekk *mulitplier* ta' 40 sena huwa wiehed gust tenut kont tac-*chances and changes of life* u ghaldaqstant, din il-Qorti tikkonfermah.

46. Ghal dak li jirrigwarda l-kwantifikazzjoni tal-qligh futur tal-minuri Carly Borg, l-ewwel Qorti kkunsidrat illi *"din hija zghira wisq biex taghti x'tifhem x'tip ta' xoghol se taghmel u jekk hijiex sejra issib impjieg jew tfittex karriera. Il-vittma tista' taghzel li ma tahdimx u toqghod id-dar,*

*però, anke f'dan il-kaz, gie deciz li mara tad-dar ghandha dritt ghall-kumpens lucrum cessans (ara "Borg vs Zammit", deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Marzu, 1999, u "Farrugia vs Mamo", deciza wkoll minn din il-Qorti fil-11 ta' Ottubru, 2002, fost ohrajn). Meta qieset ic-cirkostanzi tal-hajja u l-multiplier pjuttost twil li serja tadotta din il-Qorti, jidher li dhul annwali ta' Lm6,000 ghandu jkun gustifikat. Minn din is-somma m'ghandu jsir ebda tnaqqis, la minhabba t-taxxa fuq id-dhul (ara "Muscat vs Schembri", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 1972), u lanqas minhabba l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà nazzjonali (ara Caruana vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru 1983, u "Pace vs Abela", deciza wkoll minn din il-Qorti fil-21 ta' Mejju, 1993)."*

47. Il-konvenuti appellanti jikkontestaw id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti dwar il-kwantifikazzjoni tal-qligh futur tal-minuri Carly Borg fis-somma ta' Lm6,000 (illum ekwivalenti ghal €13,976.24) ghaliex jikkontendu li din il-figura hija gholja wisq *"specjalment meta wiehed iqis li l-paga minima nazzjonali f'pajjizna hija ta' Lm57.88 fil-gimgha, jigifieri Lm3,009.76 fis-sena (gross) u tenut kont tal-fatt li skond il-gurisprudenza l-Ewwel Qorti ddecidiet li mill-ammont ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000) ma ghandu jsir ebda tnaqqis minhabba t-taxxa tad-dhul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà socjali. L-ammont ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000) huwa ukoll gholi wisq tenut kont tal-fatt li ma tressqet ebda prova li minhabba d-dizabilità li soffriet il-vittma mhix ser tkun kapaci tahdem jew tghix b'mod normali bhal kull tifla ohra ta' l-età taghha."* [16]

48. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-konvenuti appellanti li l-kwantifikazzjoni tal-qligh futur tal-minuri Carly Borg fis-somma ta' Lm6,000 (ekwivalenti ghal €13,976.24) hija gholja wisq. Ghalkemm il-paga minima attwali ghal persuna taht is-sbatax il-sena hija iffissata fis-somma ta' €132.77 (ekwivalenti ghal Lm57.88), wiehed irid izzomm f'mohhu li: (a) matul iz-zmien il-*minimum wage* ser tkun iktar gholja milli hi illum; (ii) Carly Borg mhux ser tibqa' dejjem minuri; u (iii) meta tikber Carly

[16] Pagna 12 tar-rikors ta' l-appell.

Borg mhux necessarjament tibqa' d-dar u ma tahdimx izda tista' issib xoghol, u addirittura tfittex karriera.

49. Barra minhekk, il-fatt li l-Ewwel Qorti ma ghamlet ebda tnaqqis minhabba t-taxxa tad-dhul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali ma ghandu jimpingi bl-ebda mod fuq il-kwantifikazzjoni tal-qligh futur tad-danneggjat u dana billi huwa principju ormaj generalment accettat li huwa l-*gross salary* li huwa relevanti biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni kemm huwa dovut lid-danneggjat jekk dan jipprova l-kaz tieghu.

*50.* In effetti fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Pace pro et noe v. Joseph Abela**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Mejju 1993 [17], il-Qorti sostniet illi *"l-income tax u l-kontribuzzjonijiet tan-National Insurance li l-mejjet kien ikollu jhallas kieku baqa' haj m'humiex fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni meta wiehed jigi biex jistabilixxi l-paga medja annwali tieghu ghall-finijiet tal-komputazzjoni tal-qligh futur ... Fir-rigward tas-Sigurta` Nazzjonali imbaghad, dejjem gie ritenut li ammonti li wiehed jippercepixxi mill-Fond tan-National Insurance matul il-hajja lavorattiva tieghu m'ghandhomx jivvantaggjaw lid-danneggjant ghaliex dawn huma l-korrispettiv tal-kontribuzzjonijiet li, ghalhekk, m'ghandhomx jiffavorixxu lid-danneggjat ghall-istess raguni."*

51. Fl-ahhar nett, din il-Qorti lanqas ma taqbel mal-pretensjoni tal-konvenuti appellanti li l-ammont ta' Lm6,000 huwa gholi wisq tenut kont tal-fatt li ma tressqet ebda prova li minhabba d-dizabilita` li soffriet it-tifla Carly Borg mhux ser tkun kapaci tahdem jew tghix b'mod normali bhal kull tifla ohra ta' l-eta` taghha. Il-konvenuti appellanti kjarament qed jinjoraw l-osservazzjonijiet u konsegwenti konkluzjonijiet tal-kirurgu Mr Charles Swain, mahtur bhala Perit Mediku mill-Ewwel Qorti, fir-rapport tieghu ipprezentat fis-6 ta' Marzu 2003[18], li fihom infushom jikkostitwixxu prova ta' l-effetti fizici u psikologici li l-incident meritu tal-kontestazzjoni halla fuq it-tifla Carly

[17] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. LXXVII – iii – 163.
[18] Fol. 32 sa' 34 tal-process.

Borg. Minn dan ir-rapport ta' Mr Swain jirrizulta li minhabba l-mankament li ghandha t-tifla in segwitu ghall-incident *de quo* ser ikun hemm tnaqqis mis-sahha generali ta' l-id affettwata, specjalment il-*grasp*, u t-tifla qed issofri anke minn effetti psikologici ghax hija konxja hafna ta' l-istat li fih tidher idha tant illi meta dahlet fl-ufficcju tal-kirurgu ghall-ewwel ma riditx turih idha. Fi kliem ir-rapport: *"Staqsejt lit-tifla biex taqbad gurnal u terfa lapes u biro. Dan setghet taghmlu bi ftit diffikulta`. Il-genituri taghha qaluli li kellha ftit problemi biex tilbes specjalment biex taqfel buttuna. Hemm ukoll diffikulta` biex taghmel movimenti delikati bhal meta ddawwar cavetta u taqbad affarijiet zghar bhal zibga. Ma nahsibx li tkun tista' d-doqq il-pjanu jekk fil-futur tkun hekk inklinata. Il-mankament inaqqas ukoll mis-sahha generali ta' l-id, specjalment il-'grasp'."* In effetti biex wasal ghall-percentwali ta' 16% dizabilita` li garrbet Carly Borg b'konsegwenza ta' l-incident in kwistjoni, Mr Swain ma hax biss in konsiderazzjoni d-debilita` fizika rizultanti izda anke l-effett psikologiku li l-isfregju ghandu fuq it-tifla.

52. Fi kwalunkwe kaz anke kieku stess id-disabilita` permanenti li garrbet it-tifla Carly Borg kellha titqies tali li t-tifla mhux ser tkun effettwata fil-kapacita` lavorattiva taghha jew f'li tghix b'mod normali bhal kull tifla ohra ta' l-eta` taghha, dana ma jfissirx li Carly Borg ma ghandhiex dritt ta' kumpens u dana billi *"llum huwa generalment rikonoxxut li kull dizabilità, anke jekk fl-apparenza ma ghandha ebda effetti fuq il-kapacità lavorattiva ta' dak li jkun, xorta wahda hemm dritt ta' kumpens billi qatt ma jista' jigi eskluz l-effett dirett jew indirett fuq tali potenzjal."* [19]

53. Ghalhekk din il-Qorti tikkonferma li l-qligh futur tal-minuri Carly Borg ghall-fini tal-komputazzjoni tal-telf futur taghha b'konsegwenza ta' l-incident meritu tal-kontestazzjoni ghandu jigi kkwantifikat fis-somma ta' €13,976.24 (ekwivalenti ghal Lm6,000).

---

[19] **Anthony Zerafa et noe v. Joseph Sacco et, Appell Civili Nru. 2254/95**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Dicembru 2006.

54. B’hekk qed jigi kkonfermat ukoll li l-*lucrum cessans* soffert minn Carly Borg b’konsegwenza ta’ l-incident meritu tal-kontestazzjoni huwa ta’ €89,447.94 (ekwivalenti ghal Lm38,400).

55. Izda, billi l-konvenuti appellanti b’din is-sentenza qed jinstabu responsabbli ghall-incident meritu tal-kontestazzjoni fi kwota ta’ 80% biss, id-danni minnhom dovuti lill-atturi appellati nomine huma ta’ €71,558.35 (ekwivalenti ghal Lm30,720). Peress li minn din is-somma ghandu jsir tnaqqis ulterjuri ta’ 8% stabbilit mill-ewwel Qorti bhala tnaqqis minhabba *lump sum payment,* id-danni effettivament dovuti mill-konvenuti appellanti lill-atturi appellati nomine huma ta’ hamsa u sittin elf tmien mija tlieta u tletin Euro u tmienja u sittin centezmu (€65,833.68) [ekwivalenti ghal Lm28,262.40].

**<u>Decide</u>**

56. Ghall-motivi premessi l-appell tal-konvenuti appellanti qed jigi milqugh in parti u s-sentenza appellata qed tigi riformata fis-sens illi l-konvenuti appellanti qed jigu dikjarati responsabbli fi kwota ta’ 80% ghall-incident li sehh fis-17 ta’ Settembru 2000 fir-restaurant “Strawberry Grove” fi Triq il-Mazzola, Qawra, u li fih weggghet il-minuri Carly Borg, filwaqt illi l-atturi appellati qed jigu dikjarati responsabbli ghall-istess imsemmi incident fi kwota ta’ 20% u konsegwentement, id-danni sofferti mill-minuri Carly Borg b’konsegwenza ta’ l-incident in kwistjoni u dovuti mill-konvenuti appellanti lill-atturi appellati nomine qed jigu likwidati fis-somma ta’ hamsa u sittin elf tmien mija tlieta u tletin Euro u tmienja u sittin centezmu (€65,833.68) [ekwivalenti ghal Lm28,262.40], u mhux fl-ammont kif hemm fis-sentenza appellata. Il-konvenuti appellanti ghalhekk qed jigu kkundannati *in solidum* bejniethom ihallsu lill-atturi appellati nomine d-danni kif likwidati u cioe` hamsa u sittin elf tmien mija tlieta u tletin Euro u tmienja u sittin centezmu (€65,833.68), bl-imghax legali dekoribbli mid-data tas-sentenza appellata.

57. Is-sentenza appellata qed tigi ikkonfermata in kwantu tirrigwarda l-ordni li s-somma ta’ €65,833.68 ghandha, fi zmien hmistax il-gurnata mid-data tal-hlas, tigi depozitata mill-atturi appellati nomine f’kont fiss ma’ Bank lokali f’isem il-minuri, minn fejn ma tkunx ritirabbli, hlief ghall-imghax li jkun percepibbli mill-genituri konjugi Borg, jekk mhux wara li l-minuri taghlaq it-18 il-sena jew wara ordni tal-Qorti kompetenti. In oltre l-atturi appellati nomine ghandhom, fi zmien hmistax-il jum wara li jsir d-depozitu, jipprezentaw nota fl-atti tal-kawza u f’din il-Qorti fejn jindikaw kif u meta wettqu l-obbligu li qed jigi impost fuqhom fl-interess tal-minuri.

58. Ghal dak li jirrigwarda l-kaz ta’ l-ispejjez, is-sentenza appellata qed tigi revokata u minflok qed jigi dikjarat u deciz li l-ispejjez relattivi kemm ghall-proceduri in prim istanza kif ukoll l-ispejjez ta’ dan l-appell ghandhom jigu sopportati kwantu ghal erba’ partijiet minn hamsa (4/5) mill-konvenuti appellanti solidament bejniethom, u r-rimanenti kwinta parti (1/5) mill-atturi appellati nomine.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------